**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-element verbali "apo" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 293 628

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-1 ta' Diċembru 2016, fil-Każ R 698/2016-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tilqa' r-rikors tar-rikorrenti kontra d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Id-deċiżjoni kkontestata tmur kontra l-prinċipju ta' *reformatio in peius*;

— Il-Bord tal-Appell żbalja meta kkonstata li l-azzjoni kontra l-abbuż tad-denominazzjoni skont l-Artikolu 8(4) ma kinitx issostanzjata.

---

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Frar 2017 – Steinhoff *et* vs BĊE**

**(Kawża T-107/17)**

(2017/C 129/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Frank Steinhoff (Hamburg, il-Ġermanja), Ewald Filbry (Dortmund, il-Ġermanja), Vereinigte Raiffeisenbanken Gräfenberg-Forchheim-Eschenau-Heroldsberg eG (Gräfenberg, il-Ġermanja), Werner Bäcker (Rodgau, il-Ġermanja), EMB Consulting SE (Mühltal, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Hoepner, avukat)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammonti li ġejjin, miżjuda rispettivament b'5 punti perċentwali lil hinn mir-rata bażika applikabbli fid-data tal-preżentata tar-rikors:

— lill-ewwel rikorrent: EUR 314 000;

— lit-tieni rikorrent: EUR 54 950;

— lit-tielet rikorrenti: EUR 2 355 000;

— lir-raba' rikorrent: EUR 303 795;

— lill-ħames rikorrenti: EUR 750 460

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz ta’ dan ir-rikors għad-danni, ir-rikorrenti jallegaw li l-konvenut naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu billi naqas, fl-opinjoni tiegħu tas-17 ta’ Frar 2012 li tikkonċerna t-titoli maħruġa u ggarantiti mill-Istat Grieg (CON/2012/12), li jiġbed l-attenzjoni għall-illegalità tar-ristrutturazzjoni proposta tad-dejn pubbliku Grieg permezz ta’ skambju obbligatorju abbażi tal-Liġi Nru 4050/2012.

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-assenza ta’ riferiment għall-inammissibbiltà tar-ristrutturazzjoni obbligatorja fir-rigward tal-prinċipju ta’ *pacta sunt servanda*, sa fejn klawżoli ta’ reviżjoni ma jistgħux effettivament jiġu introdotti sussegwentement fil-bonds tal-Istat eżistenti.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-assenza ta’ konstatazzjoni ta’ effett ta’ esproprjazzjoni tal-abbozz ta’ liġi li qiegħed jiġi kkunsidrat mill-Greċja, li kien jipprevedi skambju obbligatorju, mingħajr l-istabbiliment ta’ kumpens adegwat fil-liġi stess, bi ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-assenza ta’ riferiment għal ksur tal-Artikolu 63 TFUE.

4. Ir-raba’ motiv huwa bbażat fuq l-assenza ta’ riferiment għal ksur tal-Artikolu 124 TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Frar 2017 – Pelikan vs EUIPO – NBA Properties (NEW ORLEANS PELICANS)**

**(Kawża T-112/17)**

(2017/C 129/38)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Pelikan Vertriebsgesellschaft mbH & Co. KG (Hannover, il-Ġermanja) (rappreżentant: U. Hildebrandt, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* NBA Properties, Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea bl-abjad u bl-iswed li tinkludi l-element verbali “NEW ORLEANS PELICANS” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 518 487

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta’ Diċembru 2016 fil-Każ R 408/2016-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;